

**Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Fejn u kif>Rati tal-Imgħax**

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna għet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Swipe to change

**Kroat****Rati tal-Imgħax**

il-Kroazja

**1 Huwa permess "mgħax statutorju" fl-Istat Membru? Jekk iva, kif inhu definit "mgħax statutorju" f'dan l-Istat Membru?**

Iva. Imgħax statutorju (*zakonska kamata*) huwa r-rata tal-imagħax li d-debitur ta' obligu monetarju jrid iħallas fuq pretensjoni pendenti għal somma ta' flus. Għalhekk, id-debitur li jonqos li jħallas obligu monetarju jkun dovut li jħallas ukoll imgħax statutorju, minbarra l-ammont ta' kapital.

**2 Jekk iva, x'inhu/x'inhi l-ammont / ir-rata u x'inhi l-bażi ġuridika għalih/a? Jekk huma permessi rati differenti ta' mgħax statutorju, liema ċirkustanzi u kundizzjonijiet japplikaw?**

Il-liġi ġenerali dwar l-imagħax statutorju hija l-Att dwar l-Obliggi Ċivili (*Zakon o obveznim odnosima*) (*Narodne Novine* (NN; Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja), Nru. 35/05, 41/08, 125/11 u 78/15) - l-Artikoli 29-31. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, dan l-Att japplika għal persuni speċifiċi u relazzjonijiet speċifiċi permezz ta' leġiżlazzjoni speċjali. Skont dan l-Att, ir-rata tal-imagħax ta' inadempjenza fuq id-djun li jirriżultaw minn kuntratti kummerċjali u kuntratti bejn operatur tas-suq u persuna rregolata mid-dritt pubbliku għandha tiġi ddeterminata fuq bażi semiannwali billi r-rata tal-imagħax medja fuq is-self awtorizzat għal perġodu ta' aktar minn sena għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji u kkalkolata għall-perġodu referenzjarju qabel il-perġodu ta' sitt xhur attwali tiżdied b'ħames punti perċentwali u bi tliet punti perċentwali f'relazzjonijiet oħrajn.

Ir-rata tal-imagħax medja għall-perġodu referenzjarju tiġi ddeterminata mill-Bank Nazzjonali Kroat (*Hrvatska narodna banka*), li jrid jipubblikaha fl-1 ta' Jannar u fl-1 ta' Lulju f'*Narodne Novine*, il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja.

Ir-rata tal-imagħax medja użata sabieħ jiġu kkalkolati r-rati tal-imagħax statutorji għall-perġodu ta' sitt xhur attwali (mill-1 ta' Jannar 2017 sat-30 ta' Ġunju 2017) hija ta' 4.68 %. Għalhekk, għall-perġodu mill-1 ta' Jannar 2017 sat-30 ta' Ġunju 2017, ir-rata tal-imagħax statutorja fuq id-djun li jirriżultaw minn kuntratti kummerċjali u kuntratti bejn operatur tas-suq u persuna rregolata mid-dritt pubbliku hija ta' 9.68 %, filwaqt li dik għal relazzjonijiet oħrajn (eż. relazzjonijiet li jirriżultaw minn ftehimiet ta' kreditu u kuntratti oħrajn tal-liġi ċivili, relazzjonijiet ekstrakuntrattwali - kumpens, arrikkiment indebitu) hija ta' 7.68 %.

Ir-regolament speċjali li jippreskrivi r-rata tal-imagħax statutorja għal ċerti djun huwa l-Att dwar in-Negozju Finanzjarju u s-Soluzzjoni ta' Prefalliment (*Zakon o finacijskom poslovanju i predstečajnoj nagodbi*) (*Narodne Novine* (NN; Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja), Nri. 108/12, 144/12, 81/13, 112/13, 71/15 u 78/15). Dan l-Att huwa applikat għal dewmien fil-ħlas fi tranżazzjonijiet kummerċjali bejn l-imprendituri u bejn imprendituri u persuni rregolati mid-dritt pubbliku fejn il-persuna rregolata mid-dritt pubbliku tkun id-debitur, li jirriżultaw fil-provvista ta' prodotti jew fil-forniment ta' servizzi għal kontribuzzjoni finanzjarja. Skont dan l-Att, l-imagħax statutorju għal ħlasijiet imdewma huwa r-rata tal-imagħax ugwali għar-rata normattiva tal-imagħax miżjuda bi 8 punti perċentwali. Ir-rata normattiva tal-imagħax hija ugwali għar-rata tal-imagħax medja fuq is-self awtorizzat għal perġodu ta' aktar minn sena għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji u tiġi kkalkolata għall-perġodu referenzjarju qabel il-perġodu ta' sitt xhur attwali u mnaqsa bi tliet punti perċentwali.

Ir-rata tal-imagħax medja għall-perġodu referenzjarju tiġi ddeterminata mill-Bank Nazzjonali Kroat (*Hrvatska narodna banka*), li jrid jipubblikaha fl-1 ta' Jannar u fl-1 ta' Lulju f'*Narodne Novine*, il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja.

Ir-rata normattiva tal-imagħax użata sabieħ jiġu kkalkolati r-rati tal-imagħax statutorji għall-perġodu ta' sitt xhur attwali (mill-1 ta' Jannar 2017 sat-30 ta' Ġunju 2017) hija ta' 1.68 %. Għalhekk, għall-perġodu mill-1 ta' Jannar 2017 sat-30 ta' Ġunju 2017, ir-rata tal-imagħax statutorja għal dewmien fil-ħlasijiet fi tranżazzjonijiet kummerċjali bejn l-imprendituri u bejn imprendituri u persuni rregolati mid-dritt pubbliku, fejn il-persuna rregolata mid-dritt pubbliku tkun id-debitur, hija ta' 9.68 %.

**3 Jekk meħtieġ, hemm aktar informazzjoni disponibbli dwar kif jiġi kkalkulat l-imagħax statutorju?**

Ir-rata tal-imagħax medja għall-perġodu referenzjarju tiġi ddeterminata mill-Bank Nazzjonali Kroat (*Hrvatska narodna banka*), li jrid jipubblikaha fl-1 ta' Jannar u fl-1 ta' Lulju f'*Narodne novine*, il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja.

Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja, *Narodne novine*, tista' tiġi aċċessata billi tiklikkja fuq il-link li ġejja: <https://narodne-novine.nn.hr/>

**4 Hemm aċċess onlajn disponibbli bla ħlas għall-bażi ġuridika msemmija hawn fuq?**

Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja, *Narodne novine*, tista' tiġi aċċessata mingħajr ħlas billi tiklikkja fuq il-link li ġejja: <https://narodne-novine.nn.hr/>  
L-aħħar aġġornament: 25/03/2019

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabieħ tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi ftit mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirrifletti l-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.